



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 8.4.2010
KUMM(2010)150 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità sabiex ikun possibbli l-finanzjament ta' nfiq definit b'mod ċar li ma jistax jiġi ffinanzjat fil-limiti disponibbli għal intestatura waħda jew aktar tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Skont punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali, u wara li kienu eżaminati l-possibbiltajiet kollha għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet taħt intestatura 4, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Istrument tal-Flessibilità għall-finanzjament tal-Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana (BAM), għal ammont ta' EUR 18.3 miljun lil hinn mil-limitu massimu tal-intestatura 4.

Iż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja huma mfakkra li l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex issir aktar tard mill-pubblikazzjoni tal-Baġit ta' Emenda Nru 3/2010.

¹ ĠU C 139, 14 06 2006, p. 1

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda², u b'mod partikulari l-ħames paragrafu tal-punt 27 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni³,

Billi, wara li eżaminaw il-possibiltajiet għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet taħt l-intestatura 4, iż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit qablu li jimmobilizzaw l-Istrument tal-Flessibilità sabiex jikkumplimenta l-finanzjament fil-baġit tal-2010, lil hinn mill-limitu massimu tal-intestatura 4, ta' EUR 18.3 miljun lejn il-finanzjament tal-Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana (BAM).

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-baġit tal-2010"), l-istrument tal-flessibilità għandu jintuża biex jipprovdi s-somma ta' EUR 18.3 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impnjenji fl-intestatura 4.

Dawn l-ammonti għandhom jintużaw sabiex jikkumplimentaw il-finanzjament ta':

- EUR 18.3 miljun lejn il-finanzjament tal-Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana (BAM).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

² ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

³ ĠU [...]